# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 151**

**Citaz. numru: 1503/99 M1 NA**

**Gordon Caruana Dingli**

**vs**

**Michelle Caruana Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-25 ta' Gunju 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti, cittadini Maltin, domiciljati Malta, ghandhom zewgt itfal cioe', Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli, illi twieldu fl-4 ta' Mejju 1991 gewwa Sunderland, l-Ingilterra u fis-17 ta' Ottubru 1992 gewwa Newcastle-Upon-Tyne rispettivament;

Illi l-hajja matrimonjali tal-kontendenti tkissret irrimedjabbilment u l-istess kontendenti qeghdin ighixu separati minn xulxin;

Illi l-kura w il-kustodja ta' l-imsemmija tfal minuri Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli hija fdata lill-kontendenti genituri taghhom konguntivament, b'digriet moghti mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 1999;

Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi jinstmghu fil-kors ta' din il-kawza illi l-imgieba u l-qaghda prezenti tal-konvenuta martu huma tali illi l-attur ghandu ragunijiet fondati illi jissuspetta illi f'kaz illi l-konvenuta tithalla ssiefer mill-Gzejjer Maltin flimkien ma' l-ulied minuri fuq imsemmija, hija ma tirritornax lura Malta;

Illi fit-23 ta' Gunju 1999, fuq talba ta' l-attur dina l-Qorti ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 872/99 illi bih gie inibit u pprojbit is-safar ta' l-imsemmija minuri;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tordna u tiddikjara illi t-tfal minuri Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli fuq imsemmija ma

ghandhomx jittiehdu barra minn Malta mill-konvenuta u tinibixxi definittivament lill-konvenuta milli tiehu lit-tfal minuri Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli barra minn Malta;

2. tordna illi b'effett ta' l-eventwali sentenza ta' dina l-Qorti u sakemm l-istess tigi varjata bil-mod stabbilit bil-ligi, l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi Numru 872/99, komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha ta' l-istess Mandat lill-Ufficjali msemmija fil-Mandat, jibqghu definittivament fis-sehh.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fit-23 ta' Gunju 1999, kontra l-konvenuta illi tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Ghar-ragunijiet moghtija fil-verbal tat-30 ta' Mejju 2000 il-Qorti ddikjarat lill-konvenuta kontumaci pero' akkordatilha d-dritt ta' nota in difiza kontra t-talbiet attrici a tenur ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li jkunu ngabru l-provi.  Dan gie kkonfermat mill-Qorti fis-seduta tat-30

ta' Novembru 2000 fejn il-konvenuta regghet ma dehritx u fejn xehed l-attur li ddikjara li ma kellux aktar provi.

In-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta saret fil-11 ta' Dicembru 2000.  In-nota responsiva ta' l-attur pero' ma saritx u finalment fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi t-tieni w it-tielet paragrafi tan-nota tal-konvenuta huma pjuttost punti ta' fatt u jittrattaw l-apprezzament tax-xhieda moghtija mill-attur u tas-suspett li ghandu illi martu tista' ssiefer mal-minuri minn dawn il-Gzejjer.  Illi apparti mill-konsiderazzjoni illi l-Qorti fattwalment ma tara xejn li mhux plawsibbli fis-suspetti ta' l-attur hija tikkonsidra illi, dan apparti, u ta' aktar rilevanza huwa l-interess suprem tal-minuri.  Il-koppja ghandha, f'dan l-istadju, il-kura w il-kustodja konguntiva tal-minuri.  L-attur qed jikkontesta dan l-istat legali filwaqt illi l-minuri jidhru illi llum huma radikati f'dawn il-Gzejjer. Ikun ghalhekk ferm prudenti u fl-interess taghhom illi sakemm jigi finalment deciz min sejjer ikollu l-kura u kustodja taghhom

u fejn huma ghandhom jirrisjedu permanentement huma jibqghu jghixu f'dawn il-Gzejjer.

L-ewwel paragrafu invece ta' l-istess nota jittratta punt purament legali. Din il-Qorti, almenu fir-rigward ta' l-ewwel talba, ricentement kienet ittrattat materja simili, jekk mhux identika fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Nadia O'Flaherty vs Dottor Antoine Gambin" (Citazz. Nru. 1552/99 - deciza fit-18 ta' Mejju 2001). Dwar talba simili f'dik il-kawza hija kienet irriteniet illi:

> **"1.** It-talba ma hijiex ghall-konferma ta' Mandat ta' Inibizzjoni izda hija talba specifika biex il-konvenut jigi inibit milli jiehu l-minuri barra minn Malta. Fl-ebda mument ma l-attrici talbet il-konferma tal-Mandat Numru 998/99 li huwa biss imsemmi fil-premessi, bl-istess mod li hu msemmi d-Digriet Numru 166/99 tas-Sekond'Awla li m'hemmx talba ghall-konferma tieghu f'din il-kawza;
>
> **2.** Kuntrarjament ghall-kazijiet imsemmija mill-konvenut il-meritu tal-mandat in kwistjoni huwa identiku ghall-meritu tal-kawza. Dan mhuwiex il-kaz fil-kazistika moghtija mill-konvenut. Hekk, per ezempju, l-inibizzjoni

biex twaqqaf il-bejgh ta' art soggetta ghall-konvenju. Korrettement f'dan il-kaz il-procedura korretta hija dik biex tigi enforzata l-obbligazzjoni tal-promessa fil-kontro-vendita u mhux li ssir talba ghall-inibizzjoni permanenti tal-bejgh ta' l-art - talba maghmulha *in vacuo* li mhijiex relatata ma' l-azzjoni principali li r-rikorrent/attur qed jitlob l-intervent tal-Qorti dwarha. Fil-kaz prezenti, invece, il-meritu huwa proprju l-inibizzjoni bhala mezz dirett ghas-salvagwardja tad-drittijiet allegati ta' l-attrici u mhux bhala mezz sekondarju u kawtelatorju biex drittijiet pretizi ohra jistghu fil-futur ikunu salvagwardjati;

**3.** Finalment fir-rigward taz-zewg eccezzjonijiet hemm l-interess suprem tal-minuri li jvesti lil din il-Qorti b'dawk il-poteri kollha biex dan l-interess ikun verament dak principali. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u sakemm ma jigix lilha ndikat mod iehor fil-kawza tas-separazzjoni bejn dawn il-kontendenti l-Qorti jidhrilha illi dan l-interess jirrikjedi illi, f'dan l-istadju, l-minuri ma tittehidtx barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati."

Il-konsiderazzjonijiet kollha fuq imsemmija jwasslu lill-Qorti biex tilqa' l-ewwel talba bl-ispejjez u tordna u tiddikjara illi t-tfal

minuri Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli, fuq imsemmija, ma ghandhomx jittiehdu barra minn Malta mill-konvenuta u tinibixxi, almenu f'dan l-istadju, lill-konvenuta milli tiehu lit-tfal minuri Sarah Antonia u Lisa Marie ahwa Caruana Dingli barra minn Malta minghajr l-awtorita' ta' din il-Qorti.

Din l-ordni ghandha tkun sufficjenti biex ikun determinat il-meritu ta' din il-kawza. Kuntrarjament, fir-rigward tat-tieni talba, l-osservazzjonijiet tal-konvenuta fil-paragrafu wiehed tan-nota taghha huma legalment gustifikabbli u ghalhekk din l-ewwel talba hija michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Finalment invece l-ispejjes tal-Mandat ta' Inibizzjoni huma wkoll a karigu tal-konvenuta kif mitlub fic-citazzjoni.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.